



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0180/2020**

10.6.2020

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn  
(2020/2649(RSP))

**Roman Haider, Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Julie  
Lechanteux, Philippe Olivier, Lucia Vuolo, Paolo Borchia, Maximilian  
Krah**  
f'isem il-Grupp ID

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn (2020/2649(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt serju u negattiv ħafna fuq is-setturi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija u fuq l-ekonomija tat-turiżmu b'mod ġenerali;
- B. billi s-settur tat-trasport għandu bżonn appoġġ ekonomiku xieraq, li għandu jingħata filwaqt li jiġu ggarantiti l-aċċessibilità u l-konnettività, is-salvagwardja tad-drittijiet tal-konsumatur u t-tnaqqis tal-piżijiet u l-ispejjeż amministrattivi għall-kumpaniji involuti;
- C. billi l-impjiegi fis-setturi kollha tat-turiżmu u tat-trasport jeħtieġ jiġu mħarsa, fid-dawl tal-impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impjegati u ta' min iħaddem, inklużi dawk li s-sitwazzjoni tagħhom saret inċerta minħabba nuqqas ta' fatturat għal diversi xhur konsekuttivi;
- D. billi l-għan prinċipali tal-pjan ta' rkupru tal-UE fil-qasam tat-trasport u t-turiżmu hu li jiffinanzja infrastruttura alternattiva biex jipromwovi trasport aktar ekoloġiku;
- E. billi l-proposta tal-Kummissjoni li timponi objettivi restrittivi ħafna bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> fit-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija tista' xxekkel l-irkupru ekonomiku tal-kumpaniji li bħalissa qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji;
- F. billi dawn il-miri ambizzjużi żżejjed diġà qed ikollhom impatt konsiderevoli fuq l-industrija tal-karozzi, anke minħabba d-diffikultajiet kbar fis-swieq domestiċi għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku;
- G. billi l-linji tal-ajru Ewropej raw it-traffiku tagħhom jonqos b'aktar minn 80 % minħabba t-titjiriet li ġew ikkanċellati bħala konsegwenza tal-miżuri ta' konteniment u jistgħu jiffaċċjaw riskju reali ħafna ta' falliment finanzjarju fix-xhur li ġejjin;
- H. billi t-tranżizzjoni enerġetika fit-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri qiegħda ssejtni f'kundest ekonomiku li diġà huwa mhedded bil-kbir minn kompetizzjoni inġusta u frodi soċjali b'rabta mal-istazzjonar tal-ħaddiema;
- I. billi l-miżuri meħuda għall-ħarsien tas-saħħa fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 huma importanti u neċessarji, iżda matul il-fażi ta' rkupru għandhom ikunu proporzjonati;
  1. Jinnota l-bżonn urġenti li jkun hemm lok għal miżuri settorjali fil-livell nazzjonali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-professjonisti fis-setturi tat-trasport u t-turiżmu, li ntluqtu partikolarment mill-kriżi tal-COVID-19;
  2. Iqis li l-ħtiġijiet tal-intrapriżi ż-żgħar u medji (SMEs), il-partijiet ikkonċernati u l-ħaddiema fis-setturi tat-trasport u t-turiżmu għandhom jitqiesu kif dovut permezz ta' konsultazzjonijiet xierqa, bil-ħsieb li jiġu adottati miżuri speċifiċi mfasla għas-suq

domestiku ta' kull Stat Membru;

3. Jenfasizza li s-salvagwardja tan-negozji u l-impjiegi fis-setturi tat-trasport u t-turiżmu tikkostitwixxi l-pedament tal-kompetittività ekonomika u industrijali, peress li t-trasport huwa settur strateġiku għall-ekonomiji tal-Istati Membri, speċjalment għall-industrija u t-turiżmu;
4. Jenfasizza l-importanza tas-settur tat-turiżmu bħala kontributor ewlieni għat- tkabbir ekonomiku u l-prodott domestiku gross nazzjonali tal-Istati Membri; jenfasizza l-bżonn ta' miżuri li jissalvagwardjaw kemm il-konsumaturi kif ukoll il-partijiet ikkonċernati fit-turiżmu, inklużi l-operaturi turistiċi u l-aġenziji tal-ivvjaġġar;
5. Jinnota li, fit-13 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar it-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn (COM(2020)0550) u Pakkett dwar it-Turiżmu u t-Trasport;
6. Jenfasizza l-importanza taż-żoni muntanjużi u kostali, li jattiraw aktar minn terz tal-impriżi turistiċi kollha fl-Ewropa, li ħafna minnhom huma SMEs li jiffaċċjaw varjetà ta' sfidi; jitlob li l-konċessjonijiet tal-bajjiet jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE<sup>1</sup> riveduta;
7. Jiddeplora l-pjan ta' rkupru tal-UE propost mill-Kummissjoni u jemmen li l-miżuri adottati s'issa jistgħu joħolqu aktar tfixkil fis-suq, kompetizzjoni inġusta u dumping soċjali bejn Stat Membru u ieħor;
8. Ifakkar li l-insistenza fuq l-inizjattiva tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tista' timmina l-irkupru ekonomiku tal-kumpaniji Ewropej wara l-kriżi tal-COVID-19 u jenfasizza li l-impożizzjoni ta' miri stretti dwar il-klima fuq l-Ewropa tista' toħloq żvantaġġ kompetittiv fil-konfront ta' pajjiżi terzi;
9. Jenfasizza l-importanza ta' garanzija ta' konnettività u aċċessibilità għaċ-ċittadini fir-reġjuni kollha, b'mod partikolari dawk f'żoni periferiċi, rurali, muntanjużi, b'popolazzjoni żgħira u insulari, li huma aktar diffiċli biex jintlaħqu u jinvolvu spejjeż ta' trasport akbar;
10. Jisħaq fuq l-importanza ta' informazzjoni ċara u aġġornata dwar ir-regoli applikabbli għall-vjaġġaturi u l-konsumaturi;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.